MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 377/2002/1

**Formosa Property Limited**

**vs**

**Anthony Mallia Bonello**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, tmien mija u wiehed u disghin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm2,891.76) import ta' prezz ta' ready mix concrete u bricks mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut u crane hire charges dovuti mill-konvenut, flimkien mall-imghax tat-tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-konsenja u servizz rez, sal-24 ta' Mejju, 2002, skond il-prospett anness (Dok. A) u bl-imghax ulterjuri wara dik id-data.

Bl-ispejjez – komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-8 ta' April, 2002, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-11 ta' Novembru, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.